# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 10 ta' Dicembru 2015**

**Kawza Numru : 22**
**Rikors Guramentat Numru : 548/2015/LSO**

**(1) Hesham Ibrahim Gaber Moustafa u**
**(2) Esraa Abdelaziz Ahmed Ahmed Ibrahim bhala l-genituri tal-minuri Kendah Hesham Ibrahim Gaber Moustafa**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Hesham Ibrahim Gaber Moustafa (0143208 L) et ta' Pizza by Luca, Triq Karlu Galea, Victoria, Ghawdex datat 5 ta' Gunju 2015 fejn espona: -

Illi l-atturi ghandhom wild minuri li twieldet fl-ewwel (1) ta' Jannar tal-elfejn u hmistax (2015) liema twelid huwa registrat fl-ufficcju tar-Registru Pubbliku Valletta Malta, dwar l-Atti tat-twelid u r-Registru u ta' persuni addottati bin-numru elf tlett mija u erbgha u erbghin tas-sena elfejn u hmistax (1344/2015), hawn anness u mmarkat DOK 'A';

Illi l-att tat-twelid relattiv ghall-minuri huwa skorrett fis-sens illi fil-kolonna intestata "Isem il-wild" huwa ndikat bhala "Kendah Ibrahim Gaber Moustafa" meta fil-fatt irid jigi indikat bhala "Kendah Hesham Ibrahim Gaber Moustafa" u cioe' jrid jigi mizjud il-kunjom "Hesham" wara l-ewwel isem.

Illi fil-fatt persuni ta' nizel Egizzjan bhal ma huma l-esponenti jiehdu l-kunjom l-isem tal-missier bhala l-ewwel kunjom taghhom. Kif inhu redatt l-isem illum jfisser illi l-bint hija oht misserha!

Illi dan jirrizulta anke mill-passaport tal-wild, fejn l-isem il-minuri huwa indikat korrettament bhala "Kendah Hesham Ibrahim Gaber Moustafa" (Dokument 'B') .

Illi l-atturi *nomine* jridu illi ssir d-debita korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tal-minuri, b'mod illi c-certifikat taghha jigi jaqbel mar-realta` u b'mod li l-isem jidher korrettament kull fejn jinkorri fuq dak ic-certifikat tat-twelid.

Illi dan ir-rikors qed isir u qed jigi kkonfermat bil-gurament mill-attur Hesham Ibrahim Gaber Moustafa li ghandu konoxxenza vera u proprja tal-fatti fuq esposti.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din I-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:-

1. Tiddikjara illi l-atti (korrige -'l-att') tat-twelid bin-numru elf tliet mija u erbgha u erbghin tas-sena elfejn u hmistax (1344/2015) relattiv ghat-twelid ta' Kendah Hesham Ibrahim Gaber Moustafa huwa skorrett fis-sens fuq spjegat;

2. Konsegwentament tordna l-korrezzjoni tal-att fuq imsemmi billi kull fejn jinkorri l-isem "Kendah Ibrahim Gaber Moustafa" dan jigi kkoregut bl-isem "Kendah Hesham Ibrahim Gaber Moustafa"

Bl-ispejjez kollha u bl-ingunzjoni tal-konvenut minn issa ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-7 ta' Lulju 2015.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 3 ta' Lulju 2015 (fol 22) fejn espona bil-qima u bil-ġurament tiegħu ddikjara u kkonferma dan li ġej:

Jesponi bil-qima u Dr. Mariella Silvio ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Direttur bil-gurament taghha tiddikjara u tikkonferma dan li gej:

1. Illi preliminarjament, qabel s-smigh tal-kawza, b'ordni tal-Qorti ghandu jigi ppubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern talanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza *a tenur* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi l-esponent jirrileva li r-registrazzjoni ta' l-att tat-twelid in kwistjoni sar *ai termini* tal-artikolu 244 tal-Kap 16 peress li l-att tat-twelid originali huwa wiehed Egizzjan. Ghaldaqstant ir-registrazzjoni hawn Malta saret fedelment u skont l-informazzjoni li tirrizulta mit-traduzzjoni guramentata li r-rikorrenti issottometta fil-punt ta' registrazzjoni (anness u mmarkat bhala dok DRP 1). Fuq it-traduzzjoni hemm indikat l-isem tat-tarbija "Kendah" izda mhux il-kunjom li assumiet, madanakollu, fuq il-formula li giet sottomessa minn missier il-minuri meta talab li l-att tat-twelid ta' bintu jigi registrat fir-Registru Pubbliku, huwa indika car li l-kunjom tal-minuri fuq l-att tat-twelid taghha kellu jaqra Ibrahim Gaber Moustafa - Dok DRP 2.

3. Illi anke fuq l-ittra li giet pprezentata mir-rikorrenti, annessa u mmarkata Dok DRP 3, mahruga mid-Dipartiment tac-Cittadinanza u sottomessa lid-Direttur tar-

Registru Pubbliku, isem u kunjom il-minuri jinsabu indikati bhala Kendah Ibrahim Gaber Moustafa.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma l-Hamis, 12 ta' Novembru 2015 fejn meta ssejhet il-kawza dehret l-Av. Marie Josette Farrugia ghar-rikorrenti. Derhet l-Av. Stephanie Borg. Id-difensur tar-rikorrent qablet li d-dokument DRP 1 hija traduzzjoni fidili tac-certifikat tat-twelid Egizzjan tal-minuri. Il-Qorti giet murija l-passaport originali tal-minuri u kkonstatat *seduta stante* li d-dokument esebit bhala dokument A mal-affidavit tar-rikorrent a fol 19 huwa vera kopja tal-passaport originali u ezentat lir-rikorrent mill-obbligu tal-awtentikazzjoni ulterjuri. Xehed bil-gurament Hesham Ibrahim Gaber Moustafa fuq il-Koran. L-Av. Marie Josette Farrugia iddikjarat li ma fadlilhiex provi f'dan ir-rigward. Id-difensur tar-rikorrenti iddikjarat li irrinunzjat ghat-talba rigward il-kap tal-ispejjez. L-Av. Stephanie Borg *in vista* ta' din id-dikjarazzjoni irrimettiet ruhha ghall-provi gja in atti u ghar-risposta guramentata

taghha u li ma kellhiex provi ulterjuri x'iggib. Il-kawza giet differita ghall-10 ta' Dicembru 2015 fid-9.30am ghas-sentenza.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-atturi qed jaghmlu din il-kawza sabiex jigi korrett l-att tat-twelid tat-tifla taghhom sabiex l-isem "Kendal Ibrahim Gaber Moustafa" hemm registrat jigi korrett u sostitwit bl-isem "Kendah Hesham Ibrahim Gaber Moustafa" u dan *ai termini* tal-**Artikolu 253** tal-Kodici Civili, liema artikolu jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba ghall-korrezzjonijiet u registrazzjoni ta' l-ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta saret debitament fit-8 ta' Gunju 2015 (fol 16) u b'hekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

Ikkonsidrat li l-minuri twieldet fl-Egittu minn fejn gie rilaxxjat ic-certifikat tat-twelid taghha. Il-genituri taghha, ir-rikorrenti odjerni rregistraw l-att twelid taghha *ai termini* tal-**artikolu 244 tal-Kap 16** li jiddisponi li:

*"**244**. (1) Kull att ta' twelid, ta' zwieg, ta' unjoni ta' stat ekwivalenti kif imfissra fl-Att dwar l-Unjonijiet Civili jew ta' mewt ta' cittadin ta' Malta maghmul jew registrat f'pajjiz*

*barrani minn awtorita` kompetenti f'dak il-pajjiz, li ma jkunx att maghmul jew registrat skont l-artikolu 270(1) jew (2), jista' fuq talba ta' kull min ikollu interess u wara li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jkun sodisfatt dwar l-awtenticita` ta' dak l-att, jigi registrat f'dawn il-gzejjer bl-istess mod bhallikieku kien att maghmul minn wahda mill-persuni msemmija f'dan it-Titolu.*

*(2) Il-persuna li taghmel it-talba ghandha, ghall-finijiet tar-registrazzjoni, tkkonsenja lid-Direttur l-att li dwaru tkun saret dik it-talba."*

Ir-rikorrent **Hesham Ibrahim Gaber Moustafa** xehed permezz ta' affidavit (fol 18), li jonqos li jidhol l-isem tieghu "Hesham" wara l-isem tat-tifla Kendah ghax din hija l-uzanza fl-Egittu. Spjega li hija tkun tista' twaqqa' l-ahhar parti ta' isimha, u cjoe` Moustafa, iktar 'il quddiem. Izda, sostna li l-minuri ghandha tiehu l-isem "Hesham" ukoll biex turi li hija bintu u mhux bint Ibrahim, li hu missieru, u cjoe` n-nannu patern taghha.

Ir-rikorrenti xehed *viva voce* (fol 33-37[1]) u qal li meta mar biex jirregistra lit-tifla tieghu, ried jikteb l-isem fuq formola, u jista' jkun li kien hemm *misunderstanding* u li hu ghamel zball. Ma kienx wahdu meta mar izda kien akkompanjat minn martu u kien hemm l-ufficjal tar-Registru Pubbliku wkoll tghinu. Imma sostna li importanti li jkun hemm l-isem Hesham bhala parti minn kunjomha li juri li hi bintu.

[1] Seduta tat-12 ta' Novembru 2015

In **kontro-ezami** qal li hu kiteb il-kunjom tieghu li hu 'Ibrahim Gaber Moustafa' kif imnizzel fuq **DOK DRP 2** (fol 26) izda ried izid 'Hesham' ukoll u nduna biss iktar tard meta mar jaghmel il-passaport tat-tifla tieghu.

Hu r-rikorrent **Walid Ibrahim Gaber Moustafa** xehed b'affidavit (fol 20) u qal li kif inhu mnizzel isem il-minuri Kendah fic-certifikat tat-twelid ifisser li hija t-tifla ta' missierhom Ibrahim u mhux ta' huh Hesham. Semma li ibnu Adam li twieled hawn Malta hu registrat b'Adam Walid Ibrahim Gaber Moustafa, u ghalhekk ha ismu bhala l-ewwel parti ta' kunjomu.

Illi f'kazijiet simili, fejn jintalab li jigi prodott Att tat-twelid, jew att ufficjali iehor, redatt f'pajjiz iehor b'lingwa li mhix wahda fost dawk ufficjali ta' pajjizna, d-dettalji imnizzla fl-Atti f'Malta jittiehdu minn traduzzjoni mahruga minn dak il-pajjiz. Ghalkemm din it-traduzzjoni hija wahda ufficjali, mhux eskluz li mhix wahda akkurata. Jirrizulta li t-traduzzjoni ufficjali esebita mill-Intimat bhala **DOK DRP1** hija traduzzjoni fidili tal-original fil-lingwa Gharbija (*vide* verbal fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2015). Izda f'din it-traduzzjoni imkien hemm imnizzel il-kunjom tal-minuri, imma biss l-isem u l-kunjom tal-missier taht l-intestatura "*Father's Details."* Ghalhekk ghalkemm dan id-dokument iservi biex dawn id-dettalji jitnizzlu korrettement, ma hemm xejn li jiggwida lill-Qorti dwar il-kunjom moghti lill-minuri.

Illi r-rikorrenti esibew kopja tal-passaport Egizzjan tat-tifla (fol 6) minnfejn jirrisulta li kunjomha huwa Hesham Ibrahim

Gaber Moustafa konformament mat-talbiet odjerni. Dan id-dokument gie accettat bhala awtentiku mill-intimat.[2]

Ikkonsidrat li l-konswetudini allegata mir-rikorrenti mhix qed tigi kkontestata. Ghalhekk il-Qorti hija soddisfatta li l-kunjom korrett tal-minuri, li hija ta' cittadinanza Egizzjana, hija hekk kif qed jitolbu r-rikorrenti. Certament fil-pajjiz tat-twelid taghha, l-izball avverat fic-certifikat rilaxxjat mir-Registru ta' Malta  taghmel differenza sinjifikanti ghall-minuri.

Fid-dawl tal-premess il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet attrici huma gustifikati kif trid il-Ligi u ghandhom jigu akkolti.

Illi r-rikorrenti irrinunzjaw ghat-talba taghhom dwar il-kap tal-ispejjez u ghalhekk il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tidhol fil-mertu ta' din il-kwistjoni.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi tilqa’ t-talbiet  tar-rikorrenti u cioe`:

1. **Tilqa'** l-ewwel talba u tiddikjara illi l-att tat-twelid bin-numru progressiv elf tliet mija u erbgha u erbghin tas-sena elfejn u hmistax (1344/2015) relattiv ghat-twelid ta' Kendah Hesham Ibrahim Gaber Moustafa huwa skorrett fis-sens spjegat fil-motivazzjonijiet ghal din is-sentenza;

[2] Verbal tat-12 ta' Novembru 2015.

2. **Tilqa'** t-tieni talba u konsegwentament tordna l-korrezzjoni tal-att fuq imsemmi billi fil-kolonna 'Isem il-Wild' kull fejn jinkorri l-isem 'Kendah Ibrahim Gaber Moustafa' dan jigi kkorregut bl-isem 'Kendah Hesham Ibrahim Gaber Moustafa' fis-sens li l-prenom huwa Kendah u l-kunjom tal-minuri huwa 'Hesham Ibrahim Gaber Moustafa'.

Tordna wkoll illi kopja tal-eventwali decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti tigi notifikata *ai termini* tal-Artiklu 256 tal-Kodici Civili sabiex fiz-zmien li trid il-ligi, isiru d-debiti korrezzjonijiet hawn fuq ordnati.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**10 ta' Dicembru 2015**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**10 ta' Dicembru 2015**